MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1706/2000/1

**Pierre Mallia.**

**-vs-**

**Octagon Real Estate and Development Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Awwissu, 2000 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' skrittura privata maghmula fid-19 ta' Awwissu, 1994, li kopja taghha qed tigi hawn esebita Dokument A, is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tbiegh lill-attur porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli fil-Kalkara versu l-prezz u bil-kundizzjonijiet li jirrisultaw skond l-iskrittura riferita.

Illi ai termini ta’ l-istess skrittura maghmula bejn il-partijiet kontendenti l-attur hallas l-ammont ta’ elfejn Liri Maltin (Lm2,000.00) lis-socjeta’ konvenuta akkont tal-prezz miftiehem ghax-xiri ta’ l-imsemmija porzjon art.

Illi l-kontendenti kienu geddew l-effetti tal-ftehim fuq riferit sal-31 ta’ Marzu, 1996, sa liema data l-permessi ghall-bini li kellhom jinghataw kif jipprovdi l-ftehim ghax-xiri ta’ l-art (Dokument A) fil-fatt ma nghatawx, kif baqghu ma nghatawx sallum.

Illi f’diversi okkazjonijiet is-socjeta’ konvenuta ppromettiet li ser thallas lura lill-attur l-ammont ta’ Lm2,000.00 li kien thallas lilha kif fuq spjegat akkont tal-prezz tax-xiri, oltre l-imghax dovut, u dan sew qabel kif ukoll wara li l-istess socjeta’ giet interpellata sabiex teffettwa l-hlas relativ.

Illi pero’ s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex prevja okkorrendo:

1. Id-dikjarazzjoni li l-attur huwa ntitolat li jithallas minghand l-istess socjeta’ l-ammont ta’ elfejn Liri Maltin (Lm2,000.00) bhala dovut lill-attur ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, oltre l-imghax li huwa wkoll dovut.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lura lill-attur l-ammont ta’ Lm2,000.00 li huwa hekk dovut, flimkien ma’ l-imghax skond il-ligi dekoribbli b’effett mill-1 ta’ April, 1996.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Gunju, 1999 u ta’ l-ittra legali tat-13 ta’ Ottubru, 1999, u bir-riserva espressa tad-dritt talvolta spettanti lill-attur li jagixxi kontra d-direttur Raymond Agius personalment, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur.

Semghet l-Avukat ta’ l-attur.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------